**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 14 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 16/19 JZM**

**Anne Agius (ID : 57807L)**

***u***

**Justin Agius (ID : 351262M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta` Gunju 2019 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti Anne Agius kienet azzjonista tas-socjeta` The County Developments Company Limited (C-2296) filwaqt li l-esponenti Justin Agius huwa eredi ta` azzjonista iehor Edgar Augustine Agius (ID 29323M) ;*

*Illi jirrizulta illi fl-1 ta` Lulju 2014 isem din is-socjeta` gie mhassar mir-Registru tal-Kumpanniji ;*

*Illi l-esponenti jhossu ruhhom aggravati minn din id-decizjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji peress illi jirrizulta lill-esponenti illi attwalment din is-socjeta` ghad ghandha numru ta` assi konsistenti fi propjetajiet immobbli, kif jista` jigi ppruvat matul is-smigh tar-rikors ;*

*Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kellhom x`jaqsmu mal-gestjoni tal-istess socjeta` u li kienet ilha ma topera snin twal ;*

*Illi barra minn hekk, din is-socjeta` kienet bdiet proceduri ta` stralc, liema proceduri qatt ma gew konkluzi ;*

*Illi kien biss wara li isem is-socjeta` msemmija thassar illi huma saru jafu illi din is-socjeta` kien ghad ghandha dawn l-assi ;*

*Illi dan ir-rikors qed isir fit-terminu previst fl-artikolu 325(4) tal-Kap 386 u l-esponenti ghaldaqstant huma persuni interessati jew membri skont l-istess artikolu ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji jerga` jdahhal isem is-socjeta` The County Developments Company Limited (C-2296) fir-Registru tal-Kumpanniji u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta prezentata fis-26 ta` Awissu 2019 li taqra hekk :-

*Illi fis-17 ta` Lulju 1984 l-azzjonisti xoljew il-kumpannija The County Developments Company Limited (C-2296) u fl-istess gurnata giet mahtura s-socjeta` Advisory Managament Services Limited bhala stralcjarju ;*

*Illi fit-2 ta` Frar 1985 Joanna Agius innotifikat lir-Registratur permezz ta` avviz illi dahlet stralcjarju minflok is-socjeta` fuq imsemmija ;*

*Illi mid-data tal-hatra taghha sad-data tal-lum l-istralcjarju ma baghtet ebda dokument jew prospett lir-Registratur ghar-registrazzjoni ;*

*Illi ghalhekk fis-27 ta` Frar 2014, ir-Registratur baghat lill-kumpannija fl-ufficju registrat taghha lill-istralcjarju fl-indirizz residenzjali taghha (li pprovdiet is-Sinjnura Agius stess fl-avviz imsermmi) korrispondenza bil-pubblikazzjoni mehmuza maghha skont kif jitlob l-Att sabiex javza illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kellu jigi mhassar minn fuq ir-registru wara terminu preskritt ta` tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni. Dan sakemm, ebda persuna ma taghmel oggezzjoni ghal tali thassir ;*

*Illi waqt it-terminu fuq imsemmi la r-rikorrenti u lanqas ebda persuna ohra ma oggezzjona ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija ;*

*Illi konsegwentement ir-Registratur kompla billi fis-27 ta` Frar 2014 ippubblika l-avviz fejn specifika illi fi zmien tliet xhur jigifieri fis-27 ta` Mejju 2014 sakemm ma jkunx hemm oggezzjoni l-isem tal-kumpannija The County Developments Company Limited (C2296) kien sejjer jigi mhassar minn fuq ir-registru ;*

*Illi skont l-Artikolu 325(4) tal-Att kull persuna setghet hassitha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija kien gie mhassar minn fuq ir-registru, din ghandha hames snin sabiex permezz ta` rikors pprezentat l-qorti tali isem jista` jigi restitwit fuq ir-registru taht dawk il-provvedimenti jew direttivi illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni skont ic-cirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha ;*

*Illi fil-proceduri odjerni permezz ta` rikors ipprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti fit-28 ta` Gunju 2019 ir-rikorrenti qeghdin jaghmlu talba sabiex l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-registru u din ibbazata fuq l-Artikolu fuq imsemmi ;*

*Illi billi a kuntrarju ta` dak li nghad fir-rikors promotur it-terminu preskritt ta` hames snin illi jipprovdi l-Artikolu 325(4) tal-Att kien diga` ghadda meta gie prezentat ir-rikors promotur mir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talba taghhom ghandha tigi michuda peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2019 fejn il-partijiet inghataw direzzjoni fis-sens illi, qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu, kellha tigi l-ewwel trattata u deciza l-eccezzjoni tal-intimat illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta bid-dekors ta` hames snin skont l-Art 325(4) tal-Kap 386.

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2019 u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar din l-eccezzjoni. Fl-istess udjenza semghet sottomissjonijiet.

**Rat il-provvediment li tat fit-30 ta` Jannar 2020 fejn kienet michuda l-eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tar-rikorrenti. Bhala konsegwenza, kienet ordnata t-tkomplija tal-kawza. L-ispejjez tal-provvediment baqghu rizervati.**

Rat l-affidavit bix-xiehda ta` Justin Agius.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment finali ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex il-kawza tkun finalment deciza llum.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti rat l-Art 325 tal-Kap 386 li abbazi tieghu r-rikorrenti ressqu l-azzjoni odjerna.

Riferibbilment ghas-subartikolu (4), il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti jikkwalifikaw bhala persuni li ghandhom interess illi jaghmlu l-azzjoni.

Tghid dan wara li qieset il-fatti li hargu mill-premessi tar-rikors, li kienu konfermati fis-sostanza taghhom mir-rikorrent Justin Agius fl-affidavit tieghu, liema fatti ma kienux ikkontestati mill-intimat.

Il-Qorti tifhem certa grad ta` kawtela min-naha tal-intimat meta jigi biex jesprimi ruhu dwar talba sabiex kumpannija li isimha jkun thassar mir-registru terga` titqiegħed fir-registru.

Fl-istess waqt tara wkoll disponibilita` da parti tal-intimat li ma jostakolax it-talba tar-rikorrenti jekk timmerita li tkun akkolta wara li jkunu saru l-accertament tal-kaz.

Infatti l-intimat prattikament ihalli kollox f`idejn il-Qorti sabiex tasal ghall-ahjar gudizzju, specjalment wara li kienet respinta l-eccezzjoni tal-intimat tad-dekadenza tal-azzjoni tar-rikorrenti.

**Minkejja li kienu unikament l-inadempjenzi tal-istralcjarju u tal-azzjonisti li wasslu ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi li xprunaw lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li jigu spussessati minn *assets* tal-kumpannija li mbaghad jispiccaw ghand l-Istat, dan kollu ghaliex l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-Registru.**

**Il-qorti mhijiex sejra tghid prosit lir-rikorrenti talli hallew l-isem tal-kumpannija jithassar mir-registru bir-riskju li jitilfu darba ghal dejjem assi tal-kumpannija in kwistjoni favur l-Istat.**

**Fl-istess waqt lanqas ma tkun gusta jekk taghlaq ghajnejha u ma tippermettix lir-rikorrenti li jsewwu l-izbalji taghhom.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif gej –**

**1. Tordna li l-isem The County Developments Company Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2296, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem The County Developments Company Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2296, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem The County Developments Company Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2296, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija The County Developments Company Limited (C2296) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez relatati mal-provvediment li nghata fit-30 ta` Jannar 2020.**

**5. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez l-ohra kollha, inkluzi dawk l-ispejjez li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija The County Developments Company Limited (C2296) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**